# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 21*

***3.00p.m 06 t'Ottubru 2020***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *21.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

21.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apologija.

## *21.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

21.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 19 u 20. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

21.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Membri preżenti dwar il-bżonn li r-residenti jibdew jarmu l-ħġieġ f'kontenituri tal-plastik fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Madankollu, l-Kunsill fi ftehim mall-Assocjazzjoni, l-GreenPak u l-WasteServ laħaq ftehim biex il-kartun jinġabar bħala extra service għal dawk li jibqaw joħorġu l-ħġieġ f'kontenituri tal-kartun. Is-Sindku spjega wkoll li f'dawn l-aħħar ġimgħat kien f'kuntatt mall-GreenPak sabiex tiġi ndirizzata l-problema tal-hotspots, liema dettalji ser jiġu diskussi l-quddiem.

21.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fil-Kunsill ser ikun hemm post fejn ir-residenti jistgħu jħallu ikel għal dawk li jitimgħu l-qtates fil-lokalita', hekk kif dawn jużaw ħafna fondi personali min tagħhok u permezz ta' dan il-ġest qed nuru li bħala Kunsill qed ngħatuhom l-appoġġ tagħna.

21.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li dwar l-problema tal-prostituzzjoni fil-lokalita' jafu dwar din il-problema sew il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Intern u qedgħdin jużaw is-servizzi tal-LESA u tal-Pulizija permezz tal-RIU sabiex din il-problema tiġi ndirizzata u solvuta.

21.3.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lil dawk preżenti li t-tender tal-knis reġa' sab intopp ieħor wara li sar rikors tal-Appell. Wara li tkellimna mall-Avukat li qed jieħu ħsieb dan il-każ, hemm il-possibilita' li sakemm jingħalaq dan it-tender ikun hemm perjodu ta' sena. B'hekk ser ikun fl-aħjar interess tal-Kunsill li nestendu t-tender attwali bil-possibilita' li xorta inżidu l-kenniesa.

21.3.5 Finalment, is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi xtaq ifakkar lill-Membri li matul il-Ġimgħa d-dieħal l-Kunsill ser ikun mistieden għal tlett laqgħat, dawk mall-Ministru Michael Farrugia dwar Triq is-Sajjieda, mall-Minitru Aaron Farrugia dwar l-inċineratur u mall-Ispettur il-ġdid tal-lokal u s-Supratendent, liema dettalji diġa' ngħataw, iżda fl-aħħar tal-ġimgħa ser tintbgħat email bħala reminder.

## *21.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

21.4.1 Il-Kunsillier is-Francis Debono qal li meta jkun hemm il-laqgħa mall-Onor. Michael Farrugia hemm bżonn li tkun spjegata li l-problema ta' Triq is-Sajjieda nħolqot meta saret Triq Diċembru Tlettax bid-diversion tal-culverts, u hemm bżonn li l-Kunsill ikun ċar dwar dawn il-punti. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi japprezza ferm jekk il-Kunsillier Debono ikun preżenti għall-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, hekk kif jaf aħjar min kulħadd is-sitwazzjoni li nħolqot f'din it-Triq matul iż-żmien.

21.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace wera' ritratti tal-bins li qed jagħmel b'xejn għall-Kunsill flimkien mad-Direttur tal-kumpanija Clentec. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rringrazzjaħ ta' dan ix-xogħol madankollu hemm problema dwar min ser ibattal dawn il-bins. Il-Kunsillier is-Sur Pace qal li dawn il-bins jistgħa jbattalhom huwa.

21.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono saħaq li filwaqt li japprezza ix-xogħol li qed jagħmel il-Kunsillier is-Sur Colin Pace, li huwa genwin u mingħajr ma jnaqqas mill-mertu, huwa qed jitfa messaġġ li l-Kunsill mhuwiex kapaċi jieħu ħsieb it-tindif tal-lokalita' bil-mezzi mgħotija lill-Kunsill permezz tal-kuntratturi li huwa għandhu. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li filwaqt li l-ammont ta' żewġ kenniesa għal Kunsill bħal Marsa huma ftit, jirrikonoxxi li hemm dan ir-riskju ta' perċezzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer telaq mis-seduta fis-6.00p.m u l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina daħlet fil-laqgħa fis-6.00p.m.

21.4.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li dwar it-tindif hemm ir-riskju li nidħru li mhu qed nagħmlu xejn bħala Kunsill peress li daħal il-privat. Kien hawn li qamet diskussjoni dwar l-indafa. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi għamilha ċara li hemm diversi postijiet li qed jitnaddfu li mhumiex postijiet pubbliċi iżda tal-privat, fosthom il-Housing tal-Gvern, liema ħasil isir mill-privat. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill ma jistgħax jerħi funzjonijiet li huma tiegħu.

21.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono staqsa dwar jekk il-Kunsill jistgħax iwaqqa t-tender tal-knis jekk hemm appell tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Kuntratti hekk kif dan ma jistgħax jtawwal iż-żmien. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dan il-każ huwa f'idejn l-avukat u l-Kunsill ma jistgħax iwaqqa tender li l-każ tiegħu ġie saħansitra mirbuħ mill-Bord tal-Kuntratti. Il-gwida li ngħatajna huwa li l-Kunsill jkompli mall-kuntrattur attwali iżda nżidu l-kenniesa bħala servizz addizjonali.

21.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li huwa importanti li l-Kunsill jinvesti f'security madwar il-hotspots tal-lokal. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li tajjeb jekk din it-tema titla' bħala item għalija fil-laqgħa. Madankollu, jidher biċ-ċar li permezz tal-kameras tas-sigurta' huwa diffiċli li

tinterċetta individwu jekk mhux bil-karozza u għaldaqstant hemm bżonn li l-Kunsill jqabbad lil xi ħadd speċjalment bħal fiż-żona ta' Triq Saura.

21.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace nforma lill-Kunsill li diġa' għandhu lista ta' kumpaniji li lesti jagħtu Doggy Bins lill-Kunsill, dwar il-bżonn li jkun hemm tindif regolari fi Triq Feliċjan Bilocca, u dwar jekk hux possibli li l-Kunsill iħallas il-prezzijiet ta' ħobża u soft drink għal voluntiera tal-Clentec. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li minħabba li t-tender tal-knis huwa attwalment wieqaf hemm bżonn naraw kif id-doggy bins ser jiġu mnaddfa regolarment. Dwar it-tindif ta Triq Feliċjan Bilocca, id-diviżjoni tal-Cleansing qed tgħin regolarment biex il-post jitnaddaf u dwar il-ħlas tal-ikel, il-Kunsill jistgħa jagħti dan il-kontribut minħabba x-xogħol siwi li qed jagħmlu dawn il-voluntiera.

21.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia qal li hemm postijiet partikolari fejn qed isiru abbużi tal-prostituzjoni. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi kkonferma li diġa' saret ħafna ħidma flimkien mall-Pulizija u ser tibqa' ssir.

# *21.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

21.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 10/2020 annessa. Wara li ħadd mill-membri l-oħra preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti..

## *21.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

21.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-ekx Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit qed iressaq it-talba lill-Kunsill Lokali sabiex is-Sur Ramon Guzman jiġi nnominat għal premju Ġieħ il-Marsa fl-irwol tiegħu għas-suċċessi li nkisbu fil-Marsa Regatta Club u fil-Marsa Football Club. Is-Sindku is-Sur Josef Azzopardi qal li dawn il-premijiet ser inkunu qed jitilgħu bħala item lejn l-aħħar tas-sena.

21.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kumitat Festi Esterni Marija Regina ser jippubblika kalendarju b'ritratti storiċi dwar il-Marsa. Għalhekk qed jitolbu l-għajnuna tal-Membri tal-Kunsill biex jekk jistgħu joffru ritratti biex jintużaw fil-kalendarju. Apparti hekk qed jistaqsu wkoll jekk il-Kunsill hux interessat li jirreklama fl-imsemmi kalendarju għal prezz ta' 200 euro. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

21.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li s-Segretarjat tal-Anzjanita' Attiva u Ġusta' qed iniedi premju ta' rikonoxximent għal dawk il-persuni li jaħdmu fis-settur tad-disabilita'. Il-Kunsill jista' jinnomina persuni mill-lokalita' li jistħoqqilhom dan il-premju.

21.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Membri preżenti li l-quotazzjoni ta' xogħol li hemm bżonn jsir fil-wiring eletroniku fil-Kunsill minħabba 'health and safety' ser jammonta għal €785 (VAT inkluż). Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *21.7 Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita'*

21.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Membri tal-Kunsill li l-Ministeru Għall-Wirt Nazzjonali, L-Arti u l-Gvern Lokali ħareġ sejħa ta' finanzjament għall-aċċessibilita' u mobilita'. Il-Kunsill Lokali kien applika għal skema simili s-sena l-oħra, iżda din ma kinetx ingħata lilna. B'hekk il-Kunsill ser ikun qed jerġa japplika għall-van għall-anzjani u persuni b'disabilita' sabiex jibdew jingħataw dan is-servizz tant meħtieġ għall-lokalita' tagħna. Wara li ħadd mill-Membri preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *21.8 Deċiżjoni dwar siġar madwar is-Salib tal-Marsa*

21.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Kunsill li matul dawn l-aħħar jiem tkellem mall-Ministru Ian Borg dwar il-kwistjoni tas-Salib tal-Marsa. Huwa qal li l-Ministru kkonfermalu li l-yucca li huma speċi mhux indiġeni ser jkunu qed jinqalaw u li minflokhom ser ikun qed jinzeraw arbuxelli indiġeni mad-dawra. Dan ser iħalli effett pożittiv, hekk kif is-salib ser ikun iktar prominenti u ż-żona msebbħa kif mixtieq. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li Infrastructure Malta kellhom jikkommunikaw l-affarijiet li qed jsiru mall-Kunsill hekk kif sew ir-round about u ix-xogħol li qed jsir f'Qormi Road huma tal-Kunsill Marsa.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono telaq mis-seduta fis-7.00p.m.

## *21.9 Deċiżjoni dwar ħlasijiet C&F Contractors*

21.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li dwar il-ħlasijiet li C&F Contractors qegħdin jitolbu l-Kunsill huwa organizza laqgħa mall-Perit tal-Kunsill sabiex ikun hemm b'mod dettaljat dawk l-items li l-Kunsill jista' jħallas għaliex saru tajjeb u dawk l-affarijiet li saru ħażin. Il-Perit qed jistma li mit-€22,000 li qed jiġi mitlub il-Kunsill, €8,000 huma l-ammont ta' xogħol li sar ħażin, fosthom u primarjament l-invjar, filwaqt li €14,000 huwa x-xogħol li jista' jitħallas. Wara diskussjoni fost dawk preżenti l-Kunsill jista' joffri lis-C&F Contractors li jħallsu l-ammont ta' €14,000 biss. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *21.10 Żieda fl-Armar tal-Milied*

21.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li jixtieq iżid l-armar li l-Għaqdiet tal-armar taż-zewż paroċċi tal-lokal jagħġmlu fi żmien il-Milied, u poġġa fuq il-mejda tal-kamra ritratti ta' żewġ Christmas trees bid-dawl li jkunu jiswew madwar €1000, li għal din is-sena r-Reġjun Xlokk huwa lest li joħroġ €500. B'hekk il-Kunsill ser ikun qed joħroġ in-nofs ta' dawn l-elf ewro. Il-ħsieb huwa li jkun hemm żewġ siġriet tal-Milied bil-dawl u jieħdu ħsieba l-għaqdiet billi jew jinxtraw darba u jibqaw jiġu armati kull sena jew jiġi mikrija kull sena u li dejjem jarmawa iż-żewġ għaqdiet rispettivament. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda din il-proposta filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *21.11 Deċiżjoni dwar eQuote Dawl u Dekorazzjoni tal-Milied*

21.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekkutiv sabiex jagħti dettalji tal-kwotazzjonijiet li rċieva l-Kunsill permezz tas-sistema electronika tal-kuntratti (ePPS). Is-Segretarju Eżekkutiv is-Sur Edward Spiteri Audibert qal li kien hemm total ta' erbgħa kwotazzjonijiet, l-orħos waħda kienet ta' D Street Lighting għall-prezz ta' €10,121 (mingħajr VAT), fit-tieni post hemm l-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina Marsa bi €11,750 (mingħajr VAT) u fit-tielet post hemm l-Għaqda Festi Esterni Ssma. Trinita' Marsa bil-prezz ta' €16,220 ( mingħajrVAT). Il-prezzijiet ddettaljati huma mniżżla fit-tabella.

**eQuote - Christmas Lights Decorations KLM 01 2020**

| Toroq u disinji msemmija | D Street Lighting (prezzijiet) | Għaqda Festi Esterni Marija Regina (prezzijiet) | Għaqda Festi Esterni Ssma Trinita' (prezzijiet) |
|---|---|---|---|
| 8( tmien )disinji movimentati u fustuni fi Triq Nerik Sacco | 720 | 1000 | 1300 |
| 8( tmien )disinji movimentati u pendenti fi Triq Nerik Sacco | 418 | 1000 | 1600 |
| 8( tmien )disinji movimentati u fustuni fi Triq Balbi | 720 | 1000 | 1300 |
| 8( tmien )disinji movimentati u pendenti fi Triq Balbi | 570 | 1000 | 1800 |
| 8(tmien) disinji movimentati fustuni fuq il-Pont ta' San Tumas | 3,400 | 1000 | 700 |
| 8(tmien) disinji movimentati u pendenti fuq il-Pont ta' San Tumas | 963 | 1000 | 1200 |
| fustuni fi Triq Zerafa | 15 | 1000 | 900 |
| pendenti fi Triq Zerafa | 1045 | 2000 | 1900 |
| fustuni fi Triq Isouard | 15 | 300 | 800 |
| pendenti fi Triq Isouard | 475 | 1000 | 1700 |
| fustuni fi Triq Marsa | 10 | 300 | 500 |
| pendenti fi Triq Marsa | 570 | 300 | 900 |
| erba` ( 4 ) disinji b` dawl movimentat fi Triq Zerafa | 480 | 300 | 600 |
| erba` ( 4 ) disinji b` dawl movimentat fi Triq Isouard | 480 | 300 | 600 |
| tlett ( 3 ) disinji b` dawl movimentat fi Triq Marsa | 240 | 250 | 420 |
| **Total f'Ewro mingħajr VAT** | **10,121** | **11750** | **16220** |

Fir-raba' post il-kuntrattur ġie skwalifikat hekk kif il-Kunsill talbu jagħmel kjarifa tal-prezz u dan ma weġibx. Għaldaqstant l-iktar kuntrattur li offra l-aħjar prezz huwa D Street Lighting u l-Kunsill għażel li jagħmel it-toroq li kull sena jsiru jiġifieri, Triq Nerik Sacco, Triq Balbi, l-Pont San Tumas u Triq Zerafa. Is-Sindku talab għall-approvazzjoni ta' dan il-kuntrattur, il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *21.12 Quarterly Financial Results – Q2 2020*

21.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekkutiv jagħti rendikont tal-andament finanzjarju tal-Kunsill għall-matul l-ewwel sitt xhur ta' din is-sena. Is-Segretarju Spjega li l-andament tat-tieni kwart tas-sena kompla jara titjib fl-andament finanzjarju tal-ewwel kwart ta' din is-sena, u l-figura finanzjarja sall-aħħar ta' Ġunju tagħti dawk fuq it-titjib finanzjarju sew fl-ewwel kwart tas-sena, kif ukoll fit-tieni kwart tas-sena 2020. Hawnhekk rajna li l-Kunsill irregistra surplus ta' ftit iktar min €46,000 li huwa ferm pozittiv mid-defiċit li l-Kunsill kien qed jirreġistra fl-aħħar tas-sena 2019. Filwaqt li l-Kunsill kompla joffri s-servizzi tiegħu u żied sostanzjalment l-infieq fuq il-ħasil ta' toroq minħabba l-pandemija, xorta waħda kien għaqli fl-infieq irregistrat matul din is-sena. Is-Sindku talab lill-Membri preżenti jekk kellhomx xi mistoqsijiet dwar dan. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu mistoqsijiet, il-riżultati finanzjarji ġew approvati. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat, filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *21.13 Servizz ta' Permessi Online*

*21.13.1* Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Membri tal-Kunsill li matul il-xhur tal-pandemija kien qam il-punt dwar jekk jeżistix serviżż biex il-Kunsill jkun jista' joffri s-servizz biex is-servizz tal-permessi jsir online. Is-Sindku qal li issa din it-teknologija ġiet applikata u l-Kunsill jista' joffri dan is-servizz permezz ta' sistema eletronika li tiswa madwar €4,600, bħala pakkett finali u ħlas zgħir ta' €7 għal kull kompjuter kull xahar. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *21.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

21.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata għat-3 ta' Novembru fit-5.30pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

.